# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 793/01**

**Numru 30**

**KPMG**

**vs**

**Palmsub's Enterprises Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm2,634 (elfejn sitt mija erbgha u tletin lira) dovuti in konnessjoni ma' servizz professjonali rezi, kif jidher mill-istatement anness mal-avviz bhala dokument A.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokumenti a fol 2 tal-atti kif ukoll dak verbizzat a fol 21 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konveuta naqset u ma dehritx fit-22 ta' Mejju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur KPMG s-somma ta' Lm2634.00,0 bl-imghax legali mill-17 ta’ Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur